x'jaqsmu magħna, ma hix ħaġa li kullħadd għandu jistenniha? L-ilsien malti huwa l-ikbar xhud tal-Ġrajja ta' Malta. Jekk Malta kellha Ġrajja kbira, għax kellha x'taqsam ma' ħafna nies, l-ilsien malti għandu jġib fih din it-tifkira billi jkollu xi fdal ta' dawk li magħhom kellna x'naqsmu. Ma setâx igħid aħjar Wolff mita mar jikteb li "kull ilsien huwa l-Ġrajja ta' niesu" "*Biography of a Nation*" u Benfey li "l-ilsien huwa l-isbaħ pittura tar-ruħ tan-nies, il-ġabra ta' dak kollu li ġiebu sabiex jieħdu riedhom f'idej-hom": "*Speech is the truest picture of the soul of a people, the content of all that which has brought a people to self-consciousness.*" Ma għandniex għalhekk għax immaqdru l-malti jekk niktbuh xi ftit imħallat. **Jiena jidhirli li jew il-malti ma huwa lsien għalih xejn; jew, jekk huwa lsien għalih, sar hekk billi kellu x'jaqsam ma' ħafna ilsna oħra, u xebbaħ dak li ħa minnhom mal-*fond* li kellu, u sar ilsien għalih.**

Għalhekk nitgħallmu l-malti bl-imħabba. Hu xinhu, hu ilsien missirijietna! Din ma hix ħaġa li nagħmluha kif irridu aħna: dak sibna, jekk ma jogħġobx nagħmlu kemm nistgħu biex jogħġob. Hu dmir ta' kull Malti li jagħmel dak li jista' sabiex l-ilsien tagħna jikber u jkun għalina l-Maltin rabta bejnietna bħal aħwa u rabta mal-għażiża art twelidna, Malta!

**P. Serafin M. Zarb O. P.**

## *NAHA* JEW *NAĦĦA*?

Fil-"Malti" tinkiteb dejjm *naħħa*, bit-tieni għerq imtenni; imma ħażin. L-ewwelnett il-ħoss, li aħna natu lill-kelma *naħa*, hu b'*ħ* waħda, m'hux bi tnejn. Targa', il-plural jagħmel *nħawi* jew *naħiet*. Dan juri li l-kelma għandha *ħ* waħda, m'hux tnejn. Il-kelma *naħħa* kienet tatina plural bħal *naħaħ* (1). Fl-aħħar, *naħa* ġejja mill-għerq dgħajjef *naħw*; il-*w* għabet għal kollox barra mill-plural *nħawi*. It-tieni sura *neħħa* għandnha *isem il-għamil* tagħha *tinħija*, u m'hux *naħħa*.

**Sajdun.**

(1) Ara t-*Tagħrif* faċċ. 75 għadd 9.

# X'JISWA L-MALTI

Mindu ħareġ il-"Malti", ġietni xewqa kbira li jiena wkoll ingħin lil dawn ir-rġiel, li qegħdin jaħdmu għall-ġieh ta' lsienna, l-aktar billi nikteb xi ħaġa ta' fejda, għall-ġid u għat-tagħlim ta' min jaqraha. Imma issa ħaġa u issa oħra, qatt ma qbadt nikteb, u ħabbilt moħħi wkoll ħafna fuqiex sejjer nikteb! Ħsibt u rajt li ma stajtx nagħmel ħaġa aħjar ħlief li nuri l-ħtieġa u l-għajnuna li jatina l-lsien tagħna. U dan il-malti għal fejn nitgħallmuh? X'jista' jiswielna? Għal fejn noqogħdu nħabblu moħħna fuqu? Hekk sejrin ilabalbu l-egħdewwa ta' lsienna, u dawk li m'humiex egħdewwa wkoll. Dan li sejjer nikteb ikun tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet.

Bil-malti ma naqalgħux ħobż, mela għal fejn nitgħallmuh? Huwa l-bniedem igħix biss bil-ħobż? Huwa l-bniedem barra minn ġismu ma għandux ukoll ruħu, li jixraq li jżejjinha bil-għerf. Il-għerf fi żmenijietna kiber wisq, l-aktar fuq il-ġrajja u l-ilsna tal-lvant. Fi żmenijietna, il-għorrief ta' l-Ewropa marru fil-Palestina u fil-Mesopotamja, u hemm, fost il-ħerba, sabu l-fdal ta' bliet kbar, u kotba, u djar u minn kollox. U billi l-kotba mqaddsa, li għandna, ġejjin mil-lvant, hekk ukoll kiber it-tfittix u l-għerf fuq il-kotba mqaddsa. U hawn naraw kemm jiswa l-malti għal dan it-tfittix. Qabel xejn, il-lsien li bih huma miktubin il-kotba tal-Għaqda l-Qadima huwa l-lsien lhudi. U dan il-lsien lhudi hu lsien xami li jixbah wisq lill-malti tagħna, u għalhekk aħna l-Maltin nitgħallmu l-lhudi bl-akbar ħeffa, u meta wieħed jaf il-lsien lhudi sewwa jista' jifhem aħjar il-kotba mqaddsa. Mhux dan biss, imma l-ilsna l-oħra tal-lvant, bħal ma huma l-babiloniż, is-sirjak, l-aramajk, kollha jixbhu l-Malti. Inġibu xi kelmtejn bil-babiloniż, il-lsien ta' dik il-belt li fil-qedem kienet tbażża' d-dinja bil-qawwa tagħha, biex taraw is-sewwa. Bil-babiloniż omm hi *ummu*, għoġol *agalu*, oħt *aħotu*, ħu *aħ*, lsien *lisanu*, kelb, *kelbu*. Qegħdin taraw kif il-babiloniż, wieħed minn l-eqdem ilsna xamîn, jixbah lill-malti tagħna!

Imma biex wieħed jitkixxef fuq in-nies u l-ġrajja tal-lvant, mhux biss jeħtieġlu jkun jaf l-ilsna tal-lvant, imma wkoll jeħtieġlu li jkun jaf jaqrahom sewwa. Meta l-ewwel darba mort nitgħal-lem bil-lhudi, is-surmast staqsieni jiniex Malti, u mita għidtlu "iva", kalli li jien stajt naqra l-lhudi aħjar ħafna minn sħabi,